MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 408/2012

**MelitaUnipol Insurance Brokers Limited (C-2280)**
**Vs**
**Daniel Orsini (K.I. 80270M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-intimat kien jezercita l-funzjoni ta' *introducer* ta' poloz tal-assikurazzjoni lis-socjeta' rikorrenti u kien anke f'xi okkazzjonijiet jigbor il-hlasijiet ta' dawn tal-istess; illi ghal dawn is-servizzi li gew ipprovduti, l-intimat kellu bilanc dovut lis-sojceta' rikorrenti, biss kien beda jhallas l-ammont dovut izda recentement, dawn il-hlasijiet waqfu hesrem u minghajr raguni: illi s-socjeta' rikorrenti ghamlet diversi tentattivi sabiex tinterpella lill-intimat ghall-hlas tal-ammont imsemmi, izda dawn it-tentattivi ma rnexxewx minhabba li l-intimat ma nstabx u ghalhekk ma setax jigi notifikat, kif jidher mill-annessa kopja tal-ittra ufficjali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju elfejn u hdax (2011) (Dok DO2); illi fit-tletin (30) ta' Gunju elfejn u hdax (2011), is-socjeta' rikorrenti dahlet f'kostituzzjoni ta' debitu mal-

intimat flimkien ma' terza persuna (*ex-partner* tal-intimat kreditrici tas-socjeta' MelitaUnipol Insurance Agency Limited (C-22256) li dehret fl-imsemmija kostituzzjoni ta' debitu rigward ammont pendenti dovut minnha stess lis-socjeta'), sabiex l-ammonti pendenti dovuti jithallsu minnhom f'pagamenti mensili, kif jidher mill-annessa kopja tal-kuntratt (Dok DO3); illi biss wara li ntlahaq dan il-ftehim, bdew isiru l-pagamenti mensili miftehma, f'xi zmien l-intimat waqaf ihallas; illi llum is-socjeta' rikorrenti ghad fadlilha kreditu pendenti dovut mill-intimat fl-ammont ta' elf, seba' mija u hamsa u sebghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1775.88), liema ammont jirraprezenta s-sehem dovut minnu u ammess fil-kostituzzjoni ta' debitu msemmija u annessa.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-15 t'Ottubru, 2012 mill-Avukat Peter Fenech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, seba' mija u hamsa u sebghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1775.88) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------